MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-15 ta' April, 2009

Avviz Numru. 231/2008

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C-113)**

**vs**

**J.F. Caterers Ltd (C-29179)
u
John Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tal-intimati ghall-hlas tas-somma ta' hdax-il elf mitejn sebgha u erbghin Ewro u tlett centezmi (€11,247.03), skond *statement of account* (Dok A) jew somma ohra verjuri li din il-qorti jogghobha tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi, rapprezentanti valur ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati mis-socjeta` rikorrenti u dana a

tenur ta’ ftehim bejn il-kontendenti (Dok B) kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jaffettwaw il-hlas relattiv, anke permezz ta’ ittra ufficjali tas-17 ta’ Jannar tas-sena 2008 ipprezentata a tenur ta’ l-Artikolu 166 A tal-Kap 12, huma baqghu inadempjenti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-intimati li huma ngunti in subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-intimati jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment l-intimati naqsu u ma dehrux, la fis-7 t’April tas-sena 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill- intimati J.F. Caterers Limited u John Bugeja jhallsu s-somma ta’ hdax-il elf mitejn sebgha u erbghin Ewro u tlett centezmi (€11,247.03) lis-socjeta` rikorrenti Simonds Farsons Cisk p.l.c.;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------